GVERN
TA' MALTA

riformi

# KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

## DWAR L-EWTANASJA **VOLONTARJA ASSISTITA**

# KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

## DWAR L-EWTANASJA **VOLONTARJA ASSISTITA**

## Introduzzjoni

# Fil-manifest elettorali tiegħu, il-gvern wiegħed diskussjoni nazzjonali dwar l-ewtanasja volontarja assistita għal persuni b'mard terminali. Wasal iż-żmien li d-diskussjoni ssir.

**Għal dan il-għan il-gvern qed jippubblika dokument li għandu jservi bħala bażi għal din id-diskussjoni nazzjonali.**

Dan id-dokument jistabbilixxi ċerti prinċipji bħala bażi għal din id-diskussjoni. F'dan l-istadju, l-iktar ħaġa importanti hi li kulħadd ikollu l-opportunità li jsemma' leħnu dwar din it-tema delikata, li minnha nnifisha tqanqal bosta emozzjonijiet.

## Il-wegħda elettorali kienet tgħid hekk:

**_654:_** *Nagħtu garanzija li kulħadd jirċievi l-aqwa kura possibbli sal-aħħar mumenti tal-ħajja. Minkejja dan l-impenn bla ebda kundizzjoni, konxji mir-realtà kiefra u t-tbatija li jgħaddu minnha l-pazjenti b'mard terminali. Filwaqt li se nkomplu ninvestu biex tingħata l-aqwa kura palljattiva u servizz ta' wens għall-pazjenti u l-qraba tagħhom nemmnu li wasal iż-żmien li f'pajjiżna ssir diskussjoni nazzjonali matura dwar l-introduzzjoni* ***tal-ewtanażja volontarja għal persuni b'mard terminali.***

## L-ewtanasja f'Malta

Ewtanasja hija kelma Griega li t-tifsira tagħha hija mewt tajba.

Minkejja li f'pajjiżna s-suġġett tal-ewtanasja ilu jiġi diskuss snin twal, li persuna b'mod jew ieħor tassisti persuna oħra ttemm ħajjitha kien u għadu reat.

Fl-2016, l-ewtanasja ġiet anke diskussa mill-Kumitat Parlamentari dwar Affarijiet tal-Familja u mill-Kumitat Parlamentari dwar L-Affarijiet Soċjali.

Wieħed jistaqsi, x'hemm differenti din id-darba?

Id-differenza hi li din hija l-ewwel darba li l-gvern tal-ġurnata għandu l-mandat biex propju ssir din id-diskussjoni u titfassal it-triq 'il quddiem dwar din it-tema.

Li niddiskutu l-ewtanasja volontarja ma jnaqqas xejn mill-importanza li l-istat u s-servizzi mediċi jkomplu jippromovu u jinvestu biex tkompli tissaħħaħ il-kura palljattiva kemm fl-isptarijiet kif ukoll ma' entitajiet bħal Hospice Malta.

Dan qed isir skont l-impenn tal-proposti 512, 513 u 514 tal-manifest elettorali Malta Flimkien kif ukoll tal-istrateġija għal kura palljattiva li qed tkun implimentata mill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

## L-ewtanasja madwar id-dinja

L-ewtanasja volontarja assistita hija legali f'bosta pajjiżi żviluppati u avvanzati fosthom fl-Awstralja, fil-Kanada, fl-Istati Uniti, fin-New Zealand, fil-Belġju, fil-Lussemburgu, fl-Olanda, fi Spanja, fil-Portugall, fl-Iżvizzera u hemm il-proċess leġiżlattiv li għaddej bħalissa fir-Renju Unit.

Il-liġijiet dwar l-ewtanasja volontarja assistita jvarjaw sostanzjalment kemm fl-eliġibbiltà tal-persuni li jistgħu jagħmlu l-ewtanasja volontarja assistita, kif ukoll fis-salvagwardji kontra l-abbużi b'rispett sħiħ lejn id-dinjità u d-drittijiet tal-pazjent.

Kull pajjiż għandu l-kuntest soċjokulturali tiegħu, u għalhekk, filwaqt li l-gvern analizza l-aqwa u l-iktar prattiċi etiċi eżistenti fuq livell internazzjonali, nifhmu li kull pajjiż għandu jiżviluppa mudell li jgħodd għalih. Dan għandu jgħodd ukoll għal pajjiżna.

# Kriterji, salvagwardji u proċeduri

F'dan id-dokument qed jitressqu numru ta' prinċipji u salvagwardji li joffru qafas serju għad-diskussjoni li trid issir dwar il-mudell li pajjiżna għandu possibbilment iħares lejh jekk eventwalment jiddeċiedi li jintroduċi l-ewtanasja volontarja assistita għal persuni b'mard terminali, b'qafas ta' regolamentazzjoni serja.

**Qed jiġu proposti s-segwenti kriterji, salvagwardji u proċeduri bħala bażi għad-diskussjoni:**

## Kriterji

- L-ewtanasja volontarja assistita tista' ssir **biss** bir-rieda espressa, libera u dokumentata tal-persuna li tkun qiegħda tbati minn marda terminali u irriversibbli.
- It-tim mediku li jassisti lill-pazjent m'għandu qatt u fl-ebda ħin jipproponi l-ewtanasja volontarja assista lill-pazjent, iżda għandha tkun rispettata l-għażla ħielsa tal-individwu wara li jkun ingħata l-għajnuna kollha possibbli, u jiġu spjegati lilu l-possibbiltajiet kollha ta' kura palljattiva u trattamenti mediċi li jeżistu biex inaqqsu t-tbatija.
- L-ewtanasja volontarja assistita għandha tkun possibbli **biss** għal pazjenti b'mard terminali, t'età minn **18-il sena 'l fuq**, u li ilhom minn tal-anqas uffiċjalment 12-il xahar **residenti f'Malta**.
- Biex persuna tkun eliġibbli, speċjalista fil-branka medika tal-marda tal-pazjent irid jiċċertifika li l-kundizzjoni medika li minnha qed isofri l-pazjent hija irriversibbli u terminali, fejn il-pazjent mhux raġonevolment mistenni li jgħix aktar minn **sitt xhur**.
- Ikunu meħtieġa **żewġ ċertifikati addizzjonali** minn professjonisti mediċi differenti li separatament jeżaminaw lill-pazjent. Wieħed minn dawn irid ikun **psikjatra** li jiċċertifika li l-persuna għandha l-**kapaċità mentali** li tieħu deċiżjoni għaliha nnifisha.
- Qraba ma jistgħux jiddeċiedu għall-pazjent **fl-ebda** ċirkostanza.
- Il-pazjent fi kwalunkwe mument **għandu d-dritt ibiddel fehmtu** u jerġa' lura mid-deċiżjoni oriġinali tiegħu.
- Kwalunkwe persuna li teżerċita **pressjoni** fuq il-pazjent biex jagħżel it-triq tal-ewtanasja volontarja tkun ħatja ta' **reat** li jwassal għall-priġunerija effettiva.

## Salvagwardji

- Pazjenti b'mard kurabbli ma jikkwalifikawx għall-ewtanasja volontarja assistita.

- Persuna ma titqiesx li għandha marda terminali jekk għandha waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet segwenti jew karatteristiċi:

1. Problemi ta' saħħa mentali;
2. Diżabbiltà jew;
3. Kundizzjonijiet mediċi li spiss huma assoċjati mal-anzjanità bħalma hi d-dimensja.

## Proċeduri

- Għandu jitwaqqaf **Bord Regolatorju** fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva li jservi bħala regolatur li jassigura li l-proċeduri kollha jkunu segwiti kif stipulati fil-liġi u skont il-prattiċi stabbiliti.

- Biex jiskatta l-proċess, il-pazjent irid ikun **issodisfa l-kriterji** elenkati hawn fuq u permezz ta' formula preskritta, l-ispeċjalista fil-branka medika tal-marda tal-pazjent iressaq it-talba lill-bord bid-dokumentazzjoni meħtieġa.

- Il-bord għandu l-**obbligu** li jsejjaħ lill-pazjent quddiemu, u f'każ ta' diffikultà ta' mobbiltà, iżur lill-pazjent sabiex l-istess pazjent jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu bil-miktub mal-bord. Dan għandu jsir **mhux qabel tkun għaddiet ġimgħa** minn meta l-bord jirċievi t-talba sabiex jagħti lill-pazjent **żmien għal riflessjoni**.

- Il-bord għandu l-obbligu li jagħti deċiżjoni finali dwar kull każ **mhux aktar tard minn ġimagħtejn** wara li jkun irċieva t-talba tal-pazjent.

- Wara li jkun hemm l-approvazzjoni mill-bord, il-proċedura finali tal-ewtanasja volontarja assistita għandha ssir skont l-**għażla tal-pazjent**.

- Il-pazjent għandu d-dritt jiddeċiedi jekk il-qraba tiegħu għandhomx ikunu infurmati bit-talba tiegħu u dwar meta ser issir il-proċedura finali, u jekk jixtieqx li jkunu preżenti għaliha.

- Il-proċedura finali tal-ewtanasja volontarja assistita għandha ssir bl-akbar empatija u **b'rispett sħiħ għad-dinjità** tal-persuna. Għandha ssir f'post dedikat apposta fi sptar tal-gvern f'Malta jew fir-residenza privata tal-pazjent, skont ix-xewqa tiegħu, iżda dejjem trid issir fil-preżenza ta' professjonist mill-kamp mediku.

- Professjonist mediku għandu jassisti lill-pazjent biex isegwi l-proċedura tal-ewtanasja volontarja. Għandu jkun il-**pazjent innifsu** li jwettaq il-proċedura finali li twassal għat-tmiem tal-ħajja tiegħu. F'każ ta' limitazzjonijiet ta' saħħa fiżika, il-pazjent jista' jiddelega dan l-inkarigu bil-miktub permezz ta' health proxy lil persuna tal-fiduċja tiegħu.

- Kull apparat meħtieġ u/jew il-mediċina preskritta biex titwettaq ir-rieda tal-pazjent għall-ewtanasja volontarja assistita għandhom ikunu provduti mill-ispiżerija tal-isptarijiet tal-gvern bħala parti mis-servizz tas-saħħa nazzjonali.

- Il-professjonist mediku li jkun qiegħed jassisti lill-pazjent fil-mumenti finali għandu jassigura personalment li l-apparat u l-mediċina li ma tintużax ikunu ritornati fi żmien 24 siegħa lill-ispiżerija tal-isptar tal-gvern.

- Il-pazjent **għandu d-dritt sal-aħħar ħin jibdel fehmtu anke b'sempliċi dikjarazzjoni verbali.**

## Tifsira ta' marda terminali

B'"**marda terminali**" nifhmu:

i. l-istadju terminali ta' marda jew kundizzjoni medika progressiva li ser twassal għat-tmiem tal-ħajja tal-persuna u li bl-ebda mod ma tista' tiġi mfejqa jew megħluba; u

ii. li b'konsegwenza ta' dik il-marda jew kundizzjoni medika progressiva, il-professjonist mediku jkun jista' jasal għall-konklużjoni raġonevoli illi l-aspettattiva tal-ħajja ta' dik il-persuna ma teċċedix il-perjodu ta' sitt xhur.

## Ir-rwol tal-professjoni medika

Il-membri tal-professjoni medika b'oġġezzjoni tal-kuxjenza għandhom dritt li ma jipparteċipawx fil-proċess li jwassal għall-ewtanasja volontarja assistita jekk pazjent fil-kura tagħhom jitlob dan. Jibqa' l-obbligu tal-professjonist mediku li jirrispetta x-xewqa tal-pazjent, u għal dan il-għan, il-pazjent għandu jkun riferut għand professjonisti oħra.

Il-professjonjisti mediċi li jagħżlu li jgħinu lill-pazjent f'dan il-proċess għandhom ikunu protetti minn passi legali kemm ta' natura kriminali u kif ukoll ċivili.

## Sfond mediku u legali

Huwa prinċipju universalment aċċettat, inkluż f'Malta, li pazjent ma jkun qiegħed jikser l-ebda liġi jekk konxjament jirrifjuta l-kura u trattament mediku bil-konsegwenzi kollha li din id-deċiżjoni ġġib magħha.

Liġi li tirrikonoxxi d-dritt tal-pazjent għall-ewtanasja volontarja assistita jkollha l-effett li dan ma jibqax meqjus bħala reat kriminali, sakemm din tkun saret skont il-proċeduri kollha bis-salvagwardji legali rispettivi.

## Il-Bord Regolatorju

Il-Bord Regolatorju, imsemmi aktar kmieni, għandu jinħatar mill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u jkun magħmul minn chairperson li jkun ġudikant irtirat u minn tal-inqas żewġ professjonisti mediċi u wieħed legali, b'membri sostituti appuntati li jassiguraw li l-bord ikompli jiffunzjona b'mod effiċjenti u spedit anke f'każijiet fejn ikun hemm membri li jirrikużaw ruħhom.

Il-bord għandu jkollu servizz ta' segretarju/u r-riżorsi kollha meħtieġa biex jiffunzjona.

Il-bord għandu jservi bħala regolatur, b'għassa kontinwa biex jissorvelja l-proċessi kollha. Il-funzjoni tal-bord m'għandhiex tkun sempliċiment formalità fil-proċess.

Il-bord għandu jkollu rwol attiv li jinkludi l-verifiki neċessarji, u t-teħid tal-azzjonijiet kollha li jħoss li għandhom isiru biex jiġu segwiti l-proċeduri, inkluż li jibgħat għall-professjonisti involuti.

Barra li jsegwi mill-bidu nett il-proċess ta' kull pazjent li jitlob l-ewtanasja volontarja assistita, il-bord għandu r-responsabbiltà li jiġbor u jippubblika kull sena l-istatistika dwar din il-materja, inkluż informazzjoni dwar talbiet għall-ewtanasja li twettqu u oħrajn li ġew interrotti jew li ġew miċħuda.

Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva għandu jifformula protokoll biex dan il-bord jiffunzjona u jingħata l-aċċess għall-informazzjoni kollha relevanti, inklużi l-opinjonijiet, iċ-ċertifikati tal-professjonisti mediċi u r-rekords mediċi tal-pazjenti li jitolbu l-ewtanasja volontarja assistita.

Għandu jiġi assigurat li jinżamm audit trail kontinwu ta' kull każ.

Il-Bord Regolatorju għandu r-responsabbiltà li jinforma lill-awtoritajiet konċernati jekk jiġu għall-attenzjoni tiegħu tentattivi ta' abbużi waqt il-proċess, jew ta' pressjoni fuq il-pazjenti.

It-terminazzjoni tal-ħajja bl-ewtanasja volontarja għandha titqies bħala mewta naturali wara li l-bord ikun ivverifika u ċċertifika li ġew segwiti l-proċedura kollha tal-liġi.

## It-testment mediku

L-għan tal-gvern huwa li pajjiżna jkollu qafas leġiżlattiv robust, li filwaqt li joffri l-aqwa kura u jagħti drittijiet ġodda lill-pazjent, dan ikun f'kuntest ta' rispett sħiħ lejn il-ħajja u d-dinjità tal-bniedem.

Għaldaqstant dan id-dokument qiegħed jipproponi li titwessa' d-diskussjoni sabiex f'Malta jkollna l-possibbiltà li persuni b'għażla ħielsa tagħhom meta jkunu f'saħħithom, jagħmlu testment mediku (living will) li fih jiddikjaraw liema livell ta' kura u trattament mediku jkunu jridu jew ma jridux jekk jimirdu b'diversi kundizzjonijiet serji jew jekk isofru trawma b'inċidenti gravi.

L-avvanzi kbar li għamlet ix-xjenza medika għamluha possibbli li jtawlu l-ħajja. Dan isir spiss anke bi trattamenti meqjusa straordinarji, anke jekk f'ċertu każijiet il-kundizzjoni medika tagħhom tkun irriversibbli.

Għal uħud, trattamenti bħal dawn ma jkunux qed iwasslu għal kwalità ta' ħajja diċenti u għalihom dan ma jkunx aċċettabbli.

Għalhekk b'direttivi mediċi avvanzati (advanced medical directives) u infurmati, il-persuna tkun tista' tippjana bil-quddiem għal sitwazzjonijiet li jistgħu jiżviluppaw f'saħħitha fi kwalunkwe punt ta' ħajjitha.

Persuna li tagħżel li tagħmel testment mediku (living will) , irid ikollha l-kapaċitajiet mentali u tkun tkellmet u ngħatat parir espert minn professjonist mediku tal-fiduċja tiegħu jew tagħha.

It-testment mediku għandu jiġi ppubblikat u debitament reġistrat min-Nutar Pubbliku.

It-testment mediku għandu jkun aċċessibbli f'forma diġitali fuq is-sistema myHealth.

Kopja tiegħu trid tkun disponibbli għand il-persuna u l-qraba tagħha biex tkun preżentata lit-tim mediku li għandu jirrispetta x-xewqat tad-direttivi mediċi avvanzati tal-pazjent waqt li jżomm kopja tagħhom fir-rekords mediċi tal-pazjent.

Hemm diversi mudelli internazzjonali li jelenkaw kundizzjonijiet ta' saħħa varji li jirrikjedu kura u trattamenti speċjalizzati u straordinarji li l-persuna tista' b'testment mediku tagħżel li tirrifjuta b'deċiżjoni infurmata li tkun għamlet aktar kmieni f'ħajjitha.

Testment mediku għandu jelenka jekk il-persuna tkunx trid kura palljattiva u hix lesta li fi tmiem ħajjitha tagħmel donazzjoni tal-organi għall-użu ta' pazjenti li jkunu jeħtiġuhom.

Il-persuna dejjem għandha d-dritt li tvarja u tbiddel u saħansitra tiskarta t-testment mediku tagħha, jew b'testment mediku ieħor jew kommunikazzjoni bi kwalunkwe mezz ieħor quddiem it-tim mediku li jkun qiegħed jipprovdilu t-trattament.

It-testment mediku u l-ewtanasja volontarja assistita huma suġġetti differenti, u l-ebda testment mediku mhu ser jagħti d-dritt lil pazjent għall-ewtanasja volontarja assistita jekk il-kriterji kollha tal-eliġibbiltà ma jkunux sodisfatti.

Il-punt fejn dawn it-temi jiltaqgħu huwa f'każ ta' pazjenti b'mard terminali bil-kriterji tal-eliġibbiltà elenkati aktar 'il fuq f'dan id-dokument, liema pazjenti ma jkunux f'qagħda fiżika jew mentali li jesprimu x-xewqa tagħhom, li iżda jkunu għamlu dan permezz ta' testment mediku meta saħħithom, kemm dik fiżika kif ukoll mentali, kienet tippermetti li jagħmluh, sakemm l-istess pazjent ma jikkomunikax ix-xewqa tiegħu, bi kwalunkwe mezz, li jrid jibqa' jgħix.

## Konklużjoni

# Dan id-dokument qiegħed ipoġġi għal diskussjoni matura dawn it-temi u għandu jservi ta' bażi għal konsultazzjoni pubblika.

**Qed jitressqu numru ta' prinċipji, kriterji u salvagwardji għad-diskussjoni li huma bbażati fuq dak definit fil-programm elettorali tal-gvern.**

L-għan huwa li suġġett tant sensittiv ikun diskuss f'qafas, bil-għan li jekk pajjiżna jilleġiżla, jagħmel dan b'mod studjat, u legalment b'mod robust.

Il-konsultazzjoni pubblika ser tibqa' miftuħa għal perjodu ta' tmien ġimgħat.

# noti

GVERN
TA' MALTA

riformi